MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 751/2008/1

**Marica Concetta armla ta' Dr. Joseph Zammit Lupi**

**vs**

**Joseph Vella u Maria Bartolo**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Lulju, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta Ottubru 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta Euro848.53c oltre l-imghax legali mill-11 ta Settembru 2008 kont tad-dawl u ta' l-ilma fuq il-fond 88 Tigne street, Sliema ghaz-zmien kemm dan il-fond dam okkupat mill-konvenuti u cioe sas-

7 ta' April 2008 skond obbligazzjoni minnhom assunta fis-16 ta' April 2008 kif jirrizulta minn dokument anness markat Dok A;

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-16 ta Settembru 2008 u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 3 ta Dicembru 2008 fejn ikkontestaw it-talba attrici fis-sens li affermaw li ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Difatti l-konvenuti ma humiex imsemmija fil-mandat ta' zgumbrament indikat mill-attrici u esebit fl-avviz taghha.

Bl-ispejjes kontra l-attrici ngunta ghas-subizzjoni.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ra illi ghalkemm li l-konvenuti kienu nghataw l-opportunita sabiex jissoktaw u jaghlqu l-provi taghhom fis-seduti tal-11 ta' Mejju u 18 ta' Gunju 2009 huma naqqsu li jaghmlu dan u ghalhekk gie dikjarat maghluq l-istadju tal-provi taghhom;

Ikkunsidra.

Illi jigi notat li l-unika kontestazzjoni li qed iressqu l-konvenuti hija fis-sens illi qed jallegaw li ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnhom u bejn l-attrici. Difatti l-atti processwali ta' zgumbrament esebiti mill-istess attrici ma l-avviz taghha ma jinsabux indirizzati lilhom.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tghid illi meta giet biex tesegwixxi l-mandat ta' zgumbrament saret taf li l-fond taghha kien jinsab okkupat mill-konvenut Joseph Vella u li kienet qed tidher ghalih il-konvenuta l-ohra Maria Bartolo kif jirrizulta minn Dokument D esebit mal-avviz. Dan Dok D huwa fil-fatt kopja tal-att tal-mandat ta' zgumbrament

fejn gie mnizzel fir-riferta tal-Marixxal li l-konvenuta Maria Bartolo kienet qed tidher ghan-nom ta’ Joseph Vella. Peress illi dawn il-konvenuti ma kienu qatt rikonoxxuti minnha qua sid hija nsistiet mal-Marixxal sabiex jittiehed reading tad-dawl u ilma u sabiex l-istess Maria Bartolo tinkarika ruhha li thallas il-pendenzi tal-istess kontijiet. Tghid illi ghalhekk inkitbet l-iskrittura esebita Dok A fejn Maria Bartolo kitbet u ffirmat sabiex dawn il-kontijiet jintbghatu fl-indirizz taghha, naturalment bil-ghan li dawn jithallsu minnha.

Anna mart Pierre Ciantar li tigi bint l-attrici tafferma fl-affidavit taghha li meta avvicinat lill-konvenuta sabiex thallas il-kontijiet tad-dawl u ta l-ilma, hija dejjem ammettiet li kienet sejra thallashom pero baqghu ma thallsux.

Dr Edward Debono xehed illi huwa kien prezenti ghall-esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament u meta marru fuq il-post in kwistjoni sabu sales girl li pprovat iccempel liz-zewg konvenuti. Ftit wara kienet giet il-konvenuta Bartolo fuq il-post. Ftit tal-jiem wara l-izgumbrament, l-istess konvenuta Bartolo kienet marret ghand l-attrici sabiex tigbor hwejjigha u dak in-nhar stess apparti li giet rilaxxjata ricevuta tal-istess oggetti mehuda minn Bartolo din ta’ l-ahhar kitbet u ffirmat skrittura fejn tat struzzjonijiet sabiex il-kontijiet tad-dawl u ta’ l-ilma pendenti fuq il-fond in kwistjoni jigu ndirizzati lilha fl-indirizz taghha. Fl-istess skritura pero ma hemmx imnizzel b’mod car u inekwivoku li din il-konvenuta kienet qieghda di proprio tassumi l-hlas tal-istess.  Din l-iskrittura tinsab esebita mal-avviz datata 16 ta April 2008 u markata bhala Dok A;

Il-konvenut Joseph Vella xehed illi huwa qatt ma ffirma skritturi ta’ lokazzjoni mal-attrici fuq il-post in kwistjoni ghalkemm kien vicin ferm li jaghmel dan. Fl-istess hin pero jikkonferma li l-hanut in kwistjoni beda jigi operat minnu flimkien ma John Farrugia

w in segwitu, dan il-konvenut xtara sehem Farrugia u kwindi beda jiggestixxi l-hanut hu. Difatti meta l-inkwilina Spiteri kienet qed tiddeposita l-kera l-Qorti, dawn il-flus kien qed ighaddihomlha l-istess konvenut. Inoltre jikkonferma wkoll li huwa dam jiggestixxi dan il-hanut minn Gunju tas-sena 2004 sas-7 ta April 2008, cioe d-data tal-izgumbrament. Fl-istess nifs pero ighid li l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kienu qed jithallsu minn Spiteri u ghalhekk jikkontendi dawn ghandhom kwindi jithallsu mill-istess Spiteri. Din l-ahhar affermazzjoni, t-Tribunal isib ferm difficli biex titwemmen meta tqis il-fatt li l-hanut kien ilu s-snin qed jigi operat minnu tant li anke l-kera kienet qed tithallas minn flusu. Meta mistoqsi domanda diretta in kontro-ezami biex jispjega din l-anomalija, l-ewwel beda biex ma ta’ ebda spjegazzjoni u fl-istess nifs imbaghad ighid li anke l-flus ghal dawn il-kontijiet kien ighaddihom lil Spiteri minn butu. Fi kliem iehor qed jammetti li l-konsum relattiv kien qed isir minnu u kif ukoll li huwa assuma r-responsabbilita ghal hlas tal-istess;

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti in kwantu din tolqot biss il-konvenuta Maria Bartolo u kwindi tillibera lill-istess konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju pero tichad l-istess eccezzjonijiet fejn jirrigwardaw il-konvenut l-iehor Joseph Vella u kwindi jilqa t-talba attrici fil-konfront biss tal-konvenut Jospeh Vella u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut Joseph Vella sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta’ €848.53c (tmin mija u tmienja u erbghin ewro u tlieta u hamsin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mill-11 ta’ Settembru 2008 u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza inkluzi dawk in konnessjoni mal-konvenuta Maria Bartolo jkunu a karigu tal-konvenut Joseph Vella.”

Il-konvenut Joseph Vella appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u tal-punti legali. Huwa jikkontendi illi l-inkwilin tal-fond ma kienx hu izda certu Spiteri tant li l-Mandat ta' Zgumbrament mahrug ad istanza ta' l-attrici sar fil-konfront ta' dik il-persuna u mhux kontrih. Jissottometti wkoll illi l-attrici ma gabetx prova ta' xi sullokazzjoni jew ta' xi titolu iehor u qatt ma rrikonixxietu. Jippretendi, ghaldaqstant, illi l-azzjoni ma kellhiex tigi diretta kontra tieghu, anke, ghaliex, f'kull kaz, hu dejjem hallas lil Spiteri r-rata applikabbli tal-kera u l-ammont relattiv tal-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma;

Ghall-attrici, l-appell sottopost hu frivolu u vessatorju in kwantu mhux biss improponibbli fit-termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380, izda ukoll, inattendibbli, una volta l-fond kien okkupat u gestit mill-appellanti;

Fil-qosor hafna l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu kif gej:-

1. Il-fond *de quo* kien lokat lil Raymond u Maria Isabella konjugi Spiteri. Fil-konfront ta' dawn ittiehdu proceduri gudizzjarji quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li, bis-sentenza tieghu tas-16 ta' Jannar, 2008 (Rikors Nru. 26/05), ordna l-izgumbrament taghhom. L-ezekuzzjoni ta' din is-sentenza giet konsegwita minn Mandat ta' Zgumbrament (Numru 232/08, fol. 5);

2. Mill-atti ta' dan il-Mandat jirrizulta li fil-kors ta' l-ezekuzzjoni l-attrici nsistiet li jittiehed il-qari tad-dawl u ta' l-ilma u l-konvenuta Maria Bartolo, neputija ta' l-appellant, assumiet ghan-nom tieghu l-hlas tal-kont relattiv;

3. Kif mistqarr minnu (fol. 64), l-appellant dahal fil-gestjoni tal-fond f'Gunju 2004 u baqa' hemm sad-data ta' l-izgumbrament (7 ta' April 2008). Jikkonfessa wkoll illi hu kien ihallas il-kera lil Spiteri kif ukoll lil dawn il-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma;

Il-fatti premessi jistabilixxu fl-ewwel lok illi, jghid x'jghid l-appellanti, minn dak iddikjarat minnu stess, ir-rapport li hu kellu mal-konjugi Spiteri kien wiehed ta' sub-inkwilinat. Veru li hu ma kienx rikonoxxut mill-attrici, sid il-fond, izda, evidentement, mic-cirkustanzi li ssuccedew fil-mument ta' l-izgombru u li effettwa certament il-qaghda tieghu ta' gestur sub-kerrej huwa gharaf, jew almenu accetta, il-konsegwenzi guridici ghalih tat-temm tat-titolu derivattiv tieghu. Koncettwalment, dan ma kellux ikun mod iehor in vista tal-principju rikonoxxut "*cessante jure dantis cessat jus adquirentis*". Ara "**Cecil Pace -vs- Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini**", Appell Civili, 19 ta' Ottubru, 1962 u "**Gulab Chatlani -vs- George Grixti**", Appell Kummercjali, 2 ta' Dicembru, 1991;

Ragonevolment, il-fatt li l-attrici ma rrikonoxxietx lill-appellant f'dik il-veste tieghu ma jgibx li, ghaldaqshekk, u in bazi ghat-talba dedotta fl-Avviz, illi kienet tonqos ir-relazzjoni processwali bejn il-kontendenti. Una volta li bhala fatt gie determinat illi hu kien fid-detenzjoni tal-fond, l-obbligazzjoni tieghu tal-versament tal-hlas korrispondenti ghall-konsum tad-dawl u ta' l-ilma mill-istess fond kellha tigi minnu sodisfatta. Dan anke independentement mill-accettazzjoni accertata li saret f'ismu minn neputija tieghu Maria Bartolo;

Skjarita din il-qaghda, u li din il-Qorti hasset necessarju li ghandha taghmel biex ma tigix raffrontata bi kritika li ddecediet leggerment l-aggravju, fil-vera sostanza tieghu l-ilment ta' l-appellanti mhux hlief censura ta' l-apprezzament fattwali li ghamel it-Tribunal;

Issa kif jinzel mill-Att V ta' l-1995 id-dritt ta' appell minn sentenza tat-Tribunal hu moghti jew b'mod generali ghall-kazijiet fejn l-ammont tat-talba jissupera €1164.69 (subinciz 3 ta' l-Artikolu 8) jew ghal xi wiehed mill-ipotesijiet specifici kkontemplati fis-subinciz 2 ta' l-istess Artikolu 8. Trattasi li f'dan il-kaz l-ammont involut hu inferjuri ghal dik is-somma, biex l-appell mis-sentenza

jkun ammissibbli, l-appellanti htieglu juri u jikkonvinci li l-aggravju tieghu hu annoverat f'xi wiehed mill-ipotesijiet ghal liema jirreferi proprju l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380;

Minn imkien mill-korp ta' l-appell ma jinsab individwat fuq liema wiehed mill-erba' ipotesijiet l-appellanti jiffonda l-gravam tieghu u la dan huwa hekk l-istess appell ma jistax jitqies ammissibbli.  Fic-cert ma huwiex permess li jigi introdott appell merament fuq il-kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-fatti li jkun ghamel it-Tribunal.  Ara, fost hafna ohrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Jannar, 2006 in re: "**Saviour Portelli -vs- Renald Micallef *et***". Apprezzament dan li fil-kaz in ezami kien bazat unikament fuq ir-rizultanzi fattwali dedotti mill-provi u dak tal-konvinciment fit-Tribunal illi l-elementi specifici tal-fattispeci ma kienux iwasslu ghall-akkoljiment tad-difiza ta' l-appellanti fil-konfront tat-talba attrici;

Jikkonsegwi minn dan rifless illi l-appell ma kienx ritwalment proponibbli u dan igib li l-pregudizzjali mqanqla mill-attrici hi fondata.

Ghal motivi kollha premessi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------